MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru 210/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**SEBASTIAN FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Sebastian Farrugia ta’ 34 sena, iben Angelo u Rita nee’ Apap, imwieled Pieta’ nhar it-18 ta’ Dicembru, 1975 u residenti no. 12, Housing Estate, Fuq tal-Blat, Qormi, detentur tal-karta tal- identita’ bin-numru 40476(M).

Billi gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozijoni tal-ligi u li gew maghmula b'zioluzjoni wahda, u cioe:-

1. Talli nhar il-25 ta' Frar 2010 ghall-habta tas-7:10pm waqt li kien fi Triq Salvinu Spiteri, Santa Venera kkommetta serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Carmela Gatt ta' 65 sena, u liema handbag kien fih 530 eruo u oggetti ohra personali ghad-dannu ta' Carmela Gatt u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmela Gatt u dan kontra l-volonta ta' l-istess persuna;

3. Akkuzat talli nhar it-3 ta' Marzu 2010 ghall-habta tas-1:50pm waqt li kien fi Triq il-Wied B'Kara, ikkommetta serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Mary Antonia Camilleri ta' 73 sena, u liema handbag kien fih 30 eruo, nuccali tal-vista, u oggetti ohra personali li l-valur taghhom ma jeccediex il- 232.94 euro ghad-dannu ta' Mary Antonia Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikilu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra u cioe' Mary Antonia Camilleri ta' 73 sena, u cioe' kkagunala feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika t-tabib tal-Health Center tal-Mosta Dott. Joseph Saliba M.D.;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Antonia Camilleri, u dan kontra l-volonta ta' l-istess persuna;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez, b'periklu li jahbat ma xi hadd u jwegghu;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija titratta lil imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dott. Miriam Hayman LL.D. datata 8 ta’ April 2003 u sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell datata 18 ta’ Ottubru 2007, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 16 ta’ Awissu, 2010 (Ara fol. 134 tal-Process) u nnutat li l-imputat Sebastian Farrugia m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b’referenza ghall-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta citat mill-Avukat Generali fost l-artikoli fin-Nota ta’ Rinviju datata 16 ta’ Awwissu, 2010, iddikjara li f’din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, b’referenza ghall-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta citat mill-Avukat Generali fost l-artikoli fin-Nota ta’ Rinviju datata 16 ta’ Awwissu, 2010, iddikjara li f’din il-kawza m’hemmx oggetti soggetti ghal konfiska u

konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Prosekuzzjoni u Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema ta’ abbuz mid-droga u konsegwentement talbu li l-Qorti fis-Sentenza taghha tikkunsidra li taghmel rakkommandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat ikun assistit jeghleb il-vizzju tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(a), (b) u (f), 262(1)(a), 267, 270, 275, 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a), 86, 87(1)(c) u (e), 274(c), 214, 221(a), 338(cc), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Sebastian Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Sebastian Farrugia ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija.

Fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza b’referenza rispettivament ghall-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta citati mill-Avukat Generali fost l-artikoli fin-Nota ta’ Rinviju datata 16 ta’ Awwssu, 2010, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talbiet tal-Avukat Generali maghmula rispettivament a tenur tal-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tirrakommanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imsemmi imputat ikun assistit jeghleb il-vizzju tad-droga u ghal dan il-fini tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------